MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 56/2005

**Scicluna Enterprises Limited C 544**

**Vs**

**Tlata Limited C 16319**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn hamsin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm2,050.38) rappresentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta fuq ordni taghhom stess, kollox ai termini tal-fatturi u 'statements of account' gia fil-pussess tas-socjeta konvenuta – kopja tal-istatement of account anness mal-avviz u markat bhala Dok SE1.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Jannar 2005 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument markat Dok SE1 a fol 2 tal-atti..

Wara li rat in-nota ta' cessjoni presentata mill-istess socjeta' attrici, a fol 13 tal-atti u li biha hi cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza waqt li zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjes u l-imghax.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-30 ta' Novembru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu ta' din il-kawza, tilqa t-talbiet attrici, in rigward l-imghax u spejjes u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici l-imghax legali 'a scaletta' skond l-anness Dok SE1 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra legali tal-17 ta' Jannar 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------